# ĠANNI VASSALLO

Il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, b'għafsa kbira ta' qalb, fil-ktieb tal-ġrajjiet tagħha, tniżżel telfa oħra, telfa kbira, bil-mewt li ġrat Għawdex, nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju li għadda, ta' ĠANNI VASSALLO, wieħed mill-imsieħba ewlenin tal-*Għaqda* u membru tal-Kummissjoni (fergħa ta' Għawdex) maħtura fl-ewwel laqgħa biex tagħmel abbozz ta' Alfabet u rapport fuq ir-reguli tal-Kitba Maltija. Għex ħajja ta' 75 sena; mera tar-rġulija, u ta' l-onestà. Ġanni kien raġel li fih ma kont issib nieqes xejn: bniedem li dejjem ħadem għal Alla, għal daru u għal pajjiżu u, ma' dan, ħadem, bla hedu, għal ilsien art twelidu.

Kemm ħadem għall-ilsien Malti, kemm studja u tħabat biex igħaqqad u jsawwar ir-reguli, u jistudja l-leħen u l-ħoss tal-kelma maltija anqas aħna stess ma nafu ngħidu. Ingħidu biss li kull meta tinkiteb l-istorja tal-Lsien Malti u jissemmew kemm nies għakksuh, kemm nies żebilħuh, iżda wkoll kemm nies tħabtu, ħadmu, għarqu u sahru mħabba fih sa wassluh fir-rebħa li rebaħ dan, l-aħħar,—fost dawn ta' l-aħħar,—l-isem ta' Ġanni Vassallo għandek issibu bil-fors u ssibu minn ta' l-ewwelnett.

Bniedem ta' intelliġenza kbira msieħba ma' ġibda għat-tagħlim, huwa għadda, tista' tgħid, ħajtu kollha, wara x-xogħol ta' l-uffiċċju tiegħu—li għal ħafna snin kien dak ta' Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex—medhi fl-istudju, mogħti għat-tagħlim.

L-ewwel frott tal-ħidma u studju tiegħu kien il-ħruġ, fl-1902, ta' "*Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija*" li, jaħasra, f'dawk iż-żmenijiet ta' bruda għal-Lsien Malti, qajla ġie milqugħ mill-kotra, għad illi ngħoġob u ġie mfaħħar minn l-istudenti kollha tal-Malti, sew Maltin kemm barranin—fost dawn ta' l-aħħar ma rridux ma nsemmux lil Dr. Hans Stumme fil-*Maltesische Studien* (1904); b'dana kollu, Ġanni Vassallo la qata' qalbu u lanqas kien xebgħan: ikompli jistudja, jikteb u jippublika artikoli, iwieġeb għal kull mistoqsija, jipprietka l-ħtieġa ta' l-ortografija tajba. . . .

Bħalma għedna huwa kien wieħed mill-Kummissjoni tal-*Għaqda* u x-xogħol tiegħu, stampat jew miktub, kien ta' l-ikbar għajnuna meta l-*Għaqda*, b'mezz tas-Sur Nin Cremona, ġiet biex tgħaqqad ir-rapport tagħha u tistampah taħt l-isem ta' *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924).

Fl-1928 Ġanni Vassallo deherlu li x-xogħol tar-reguli ta' l-ortografija għandhom jidhru wkoll b'ilsien barrani biex il-barranin ukoll ikunu jistgħu jafu xi ħaġa fuqhom u għal-hekk stampa *L'Ortografia Maltese* — xogħol mill-iżjed sabiħ—li fih inqeda bl-alfabet tal-*Għaqda* għad li mhux hekk għamel fit-*Tieni Muftieħ tal-Chitba Maltija* (1931) li fih, biex ikun tassew it-*tieni muftieħ*, inqeda bl-alfabet ta' l-*ewwel*. Fuq hekk sab xi ftit tal-kritika, iżda tajjeb wieħed jiftakar li dik il-ħabta, għad illi fil-Liċeo kien imgħallem il-Malti, l-Alfabet tal-*Għaqda* kien għadu mhux magħruf mill-Gvern u dan il-ktieb, kif stqarr l-awtur stess, kien maħsub biex igħin dan it-tagħlim tal-Malti fil-Liċeo.

Barra minn dawn ta' min isemmi xogħol ieħor sabiħ ta' Ġanni Vassallo, xogħol bl-ingliż, magħmul mistoqsija u tweġiba li deher fit-*Teacher* (1932-33) taħt l-isem ta' *The Catechism of the Maltese Orthography*.

Iżda mhux biss fuq il-lsien Malti u l-ortografija tiegħu kiteb Ġanni Vassallo. Insibu tiegħu artikoli bil-malti ta' tagħlim sew reliġjuż kemm profan f'bosta mill-perjodiċi u rivisti ta' Malta: *is-Salib*, *il-Ħabib*, *il-Malti*, *Leħen il-Malti*, *The Teacher* u ħafna perjodiċi reliġjużi.

Barra minn dan huwa qaleb kotba sħaħ bil-Malti u kien imqabbad kemm-il-darba mill-Gvern biex jaqleb kotba u dokumenti uffiċjali.

Insemmu hawn x'kotba ħareġ maqluba bil-Malti:

Fl-1892 ħareġ ir-*Rsir tax-Xwieni*, ġrajja ta' Malta u mbagħad *Flora*, ġrajja oħra ta' Malta, it-tnejn mill-franċiż ta' A. De Kermainguy.

Fl-1900 ħareġ *Il-Maħdi* ġrajja ta' l-Affrika, miġjuba fin-numri 8 u 9 tal-*Cotba tal-Mogħdija taż-Żmien.*

Fl-1903 ħareġ *L-Imblocc il-Cbir ta' Malta* meħud mill-Istorja ta' Filippu II, Re ta' Spanja ta' W. H. Prescott, stampat bl-ordni tal-Gvernatur.

Fl-1904 ħareġ *Cassilda* jew il-*Prinċipessa Għarbija ta' Toledo* miġjub fin-numri 36-37 tal-*Cotba tal-Mogħdija taż-Żmien.*

Miet Ġanni Vassallo iżda fl-istorja tal-*Għaqda* tagħna u tar-rebħa tal-Lsien Malti ħalla isem li ma jmut qatt.

F. S. Caruana

Ġunju, 1937.